**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A15-08

25 ta' Frar 2008

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/15</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 28 ta' Frar 2008, fis-12.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni ta' *Performance Bonus*
6. Approvazzjoni ta' *Computer Courses* għar-residenti Gżirjani
7. Approvazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti għall-Ġnien
9. Affarijiet Oħra
10. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

27 ta' Marzu 2008

Ref Nru.Klg5/015

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/15 li saret il-Ħamis 28 ta' Frar 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fin-12.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri u Malcolm Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.
Attenda għal parti mill-laqgħa, l-Perit Joe Bugeja

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Ian Micallef u Albert Rizzo.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 ta' Frar 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 29 ta' Jannar 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Paġna 6 – para 3.6. wara l-kelma fid-dettal trid tiżdied il-frażi, 'ma' l-entitajiet kollha'

Din il-korrezzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

Il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, Dunstan Attard.

**1.2.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 7 ta' Frar 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Iċ-*Chairman* xtaq jagħmel kjarifika u qal, li għalkemm il-Kunsillier Ian Micallef kien informa li kellu jattendi aktar tard minħabba li l-aħħar seduta tat-Tribunal li kellu kienet fit-3.30 p.m., dan xorta waħda m'attendiex u għalhekk ma kellux jitniżel bħala skużat iżda assenti.

Din il-kjarifika ġiet issekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

## 2. Materji Konnessi (laqgħa 29 ta' Jannar 2008)

**2.1.** re paġna Nru.3 para 6.3. rigward ix-xogħol ta' l-*snag list* tal-*Housing Estate*, s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienet kelmet lill-kuntrattur Joe Desira fejn dan infurmaha li kemm il-*bollards* kif ukoll, il-*lamp posts* kienu ġew installati pero' dawn ta' l-aħħar (*lamp posts*) kien jonqoshom il-ħġieġ. Hi kompliet tgħid, li l-Kunsill kellu jikkonferma jekk il-*hand rail* kelliex issir ta' l-i*stainless steel* jew tal-*cast iron* u li l-Perit kien bagħat il-metraġġ tal-madum.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra ċ-*Chairman* qal, li l-kuntrattur Joe Desira kien qallu li x-xogħol kellu jispiċċa sat-22 ta' Frar 2008 u l-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-i*street furniture* inkluż il-*hand rail* għandu jikkomplimenta l-istil tal-post u għalhekk fl-opinjoni tiegħu l-i*stainless steel* ma kienx adekwat.

Għalhekk ġie deċiż unanimament, li l-*hand rail* ssir tal-*cast iron* iswed u l-Perit kellu jitlob lill-kuntrattur jipprovdi *sample,* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Anthony Abela.

F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv talbet liċ-*Chairman* sabiex tressaq kwotazzjoni relatata ma' dan il-proġett dwar talba li l-Kunsill għamel lid-ditta *GO* sabiex tinxtara *telephone bubble.booth.* Hi kompliet tgħid, li mistoqsija

tal-Kunsill dwar jekk kienx hemm materjal ieħor apparti l-i*stainless steel*, ir-risposta kienet fin-negattiv.

Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni, ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tinxtara *stainless steel telephone bubble booth* għall-prezz ta' €745.60 installazzjoni u VAT inkluża minħabba l-fatt, li dawn ma jsirux b'ebda materjal ieħor. Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill għandu jipprova jirkupra din l-ispiża mill-U.I.F.

**2.2.** re: paġna Nru. 4 para 7.1 – Pubblikazzjoni għas-Sejħa għall-Offerti *Crafts Co-Ordinator* - Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill m'għandux joħroġ din is-Sejħa għall-Offerti minħabba l-fatt, li l-Kunsill għandu jirrevedi l-*cash flow* għas-sena finanzjarja l-ġdida.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma' l-opinjoni tal-Viċi-Sindku.

**2.3.** re: paġna Nru.5 para 8.1. il-Viċi-Sindku nforma li kienu ntbagħtu tlett kwotazzjonijiet li kienu:

*Melitensia*
*Miller Distributors Limited*
*Sierra Book Distributors*

Huwa kompla jgħid, li d-ditta *Sierra Book Distributors* biss kienet irrispondiet pero', xtaq li jkollu *feedback* mingħand il-*Librarian* biex ma jkunx hemm kotba doppji fil-Librerija.

**2.4.** re: paġna Nru.6 para 3.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *e-mail* dwar il-każ tas-Sur Sammy Spiteri mibgħuta mill-Avukat Woods fejn dan ta' l-aħħar qal, li sa fejn kien infurmat, il-Kunsill dejjem mexa b'*policy* li ma tiġix aċċettata responsabbilita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li ma kienitx taf min informa lill-Dott Woods b'din il-proċedura għaliex b'eċċezzjoni tal-każ tas-Sur Manwel Zammit, dawn it-talbiet dejjem ġew diskussi u deċiżi waqt il-laqgħat tal-Kunsill mingħajr ma l-Kunsill iddeċieda li jitlob l-intervent ta' l-Avukat. Hi kompliet tgħid, li fir-rispett tas-Sur Manwel Zammit, Dott. Woods ukoll kien irrakkomanda li l-persuna ma tiġix rimburżata minħabba l-fatt, li l-kuntrattur tal-*patching* kien ikkonferma li għamel it-tabelli kollha neċessarji u l-inċident kien ġara matul il-ġurnata. Minkejja din ir-rakkomandazzjoni, wara li kien għadda xi żmien, il-Kunsill kien rrimborża parti sostanzjali mill-ammont mitlub.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jaqblu, mal-parir ta' l-Avukat Woods.

**2.5.** re paġna Nru.7 para 9.1. wara li deher l-artiklu fil-ġurnal Il-Mument tas-17 ta' Frar 2008, u korrispondenza mill-Kunsillier Ian Micallef, iċ-*Chairman* qal, li kienet deċiżjoni tal-Kunsill li l-Impenn toħroġ minimu kull erba' xhur u hu kien talab l-artikli mingħand il-Kunsillieri qabel ma tħabbret id-data ta' l-elezzjoni. Ir-raġuni kienet, li l-Kunsill wasal f'fażi kruċjali rigward l-*Activities Centre* u ried *feedback* mir-residenti. Huwa kompla jgħid, li wara li kienet tħabbret id-data ta' l-elezzjoni, l-Kunsill ried jieħu l-opportunita' sabiex jappella għall-kalma u koperazzjoni mir-residenti. Kien hemm Kunsillier li xtaq jirkeb fuq il-karru politiku biex jattakka personalment lilu pero' hu ma kienx ser jaqa' f'bassezza u jagħmel pubbliċita' mill-fondi tal-Kunsill. Huwa qal ukoll, li l-Impenn kienet ser toħroġ wara l-elezzjoni.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li hu ma riedx jidħol fil-mertu pero' xtaq jikkonferma d-data.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li għalkemm fil-minuti ta' l-14 ta' Diċembru 2007 Klg5/12, hemm miktub **'l-gazzetta tal-Kunsill toħroġ kull erba' xhur'** u ma saret ebda korrezzjoni għaliha madanakollu, reġa' nstema' r-*recording* tal-laqgħa u d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet **ta lanqas kull erba' xhur'.**

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li min ta din l-informazzjoni, ma qalx li bħal dan iż-żmien sena kienu ħarġu żewġ gazzetti tal-Kunsill.

**2.6.** re paġna Nru.8 para 9.5. – Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-*old hardware* inkluż il-*photocopier* ġie sbarazzat.

**Materji konnessi (laqgħa 7 ta' Frar 2008)**

Il-Perit Joe Bugeja daħal fis-1.15 p.m.

**2.7.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien ċempillu s-Sur Bontempo u qallu li l-prezz sottomess kien għal 120 metru kwadru u mhux għal 215 metru kwadru. Huwa kompla jgħid, li hu (Joe Camilleri) kien ipproponielu li mal-prezz sottomess ta' €25.62 (Lm11) kuljum VAT inkluża, jiżdied l-ammont ta' €2.33 (Lm1) għall-kumplament.

Il-Viċi-Sindku qal, li jekk kemm –il darba s-Sur Bontempo jaqbel mal-proposta tal-Kunsillier Joe Camilleri, irid jagħmilha ċara li l-prezz ta' €27.95 kuljum VAT inkluża, jkun għall-metraġġ kollu jiġifieri 215 metri kwadri u wara jiltaqa' l-Kunsill biex jerġa' jiddisskuti din il-materja.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa, jekk il-Kunsill setax jiddiskuti fuq 123 Triq Cameron u fuq 120 metri kwadri ta' Triq San. Albert u jekk il-Kunsill jaqbel fuq dan ta' l-aħħar jiġifieri ta' Triq San Albert, il-Kunsill jibda diskussjonijiet dwar il-kumplament ta' l-*area*.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu ma kienx jaqbel ma' dak li qal il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba l-fatt, li meta din ġiet diskussa waqt il-laqgħa tas-7 ta' Frar 2008, il-Kunsill iddiskuta fuq 215 metri kwadri.

Il-Perit Joe Bugeja qal, li dak li qal il-Viċi-Sindku kien korrett u għalhekk il-Kunsill kellu jistaqsi lis-Sur Bontempo jikkwantifika għall-kumplament ta' l-*area* u kemm kien qed jitlob għaliha li fl-opinjoni tiegħu kienet madwar €34.94 (Lm15.) kuljum. Wara, l-Kunsill irid jerġa' jiddiskuti iż-żewġ offerti għaliex seta' jagħti l-każ li xi Kunsillier ibiddel l-opinjoni tiegħu u ħaġa oħra mportanti kienet, it-tieni *toilet*.

Wara din id-diskussjoni, sar qbil unanimu li l-Kunsillieri Joe u Malcolm Camilleri flimkien mal-Perit jitkellmu ma' Bontempo u wara jerġgħu jiġu diskussi kemm 123 Triq Cameron kif ukoll, Triq San Albert.

**2.8.** Iċ-*Chairman* talab biex tiġi diskussa *item* 7 ta' l-*Agenda* minħabba li kien hemm il-Perit Joe Bugeja.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 7. Approvazzjoni tas-Sejħa Għall-Offerti għall-Ġnien

**7.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-paviment eżistenti ma kienx tajjeb u l-Perit wieġeb li dan il-paviment huwa tal-*creteprint* u huma dejjem insistew li l-kuntrattur li nstallah għandu l-mezzi biex dan jiġi *reinstated.* Huwa kompla jgħid, li jekk jiġi *reinstated*, l-uniformita' takkwistaha biż-żmien. Il-Kunsill seta' jipprova juża' granit għall-parti ċentrali.

F'dan l-istadju, s-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra mibgħuta mill-Perit Joe Bugeja dwar il-prezz tal-*lava paving* li kien circa €104.82 (Lm45) kull metru kwadru għaldaqstant, 500 metri kwadri jiġu madwar €52,410.90.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri staqsa jekk kienx hawn xi paviment ieħor barra l-lava għax fl-opinjoni tiegħu kemm jekk jiġi *reinstated* il-*creteprint* kif ukoll, jekk isir granit, kien ser jiġi qisu *patching*.

Il-Viċi-Sindku qal, li d-disparita' bejn il-lava u l-*creteprint* kienet qawwija, u l-prezz kien fattur importanti għalhekk il-Kunsill kellu jiddeċiedi fil-prinċipju jekk jagħmlux tal-lava jew tal-*creteprint*.

Iċ-*Chairman* qal, li l-ġurnata ta' qabel jiġifieri fis-27 t'April 2008, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ffirmaw l-U.I.F. għas-*Centre Strip* ta' Triq ix-Xatt. Huwa qal, li l-ammont kien circa €23,293.73 (Lm10,000) li minnu kienu ntefqu biss €9,317.49 (Lm4,000) u għalhekk fil-*fund* kien għad baqa' l-bilanċ ta' €13,976.24 (Lm6,000). Huwa kompla jgħid, jekk il-Kunsill setax

iwaqqa' l-applikazzjoni tas-7 *a-side* fix-Xatt u l-fondi jintużaw ma' dawk tal-Ġnien.

Wara din id-diskussjoni, sar qbil unanimu li l-Perit iħejji kwotazzjonijiet għall-diversi tipi ta' pavimentar tal-Ġnien.

### 7.2. *Resurfacing in Asphalt of Gżira Housing Estate*

Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Perit qal, li biex jiġu asfaltati bil-*hot asphalt area* mmarkata A, 350 metri kwadri, l-prezz kien ta' €4,483.50 (Lm1,925) u *area* mmarkata B, 420 metri kwadri, l-prezz kien ta' €5,380.20 (Lm2,319) total ta' €9,863.70 (Lm4,244).

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li biex il-Kunsill ma joħroġx Sejħa Għall-Offerti, jintbagħtu kwotazzjonijiet separati għall-parti A u parti B, u kull kwotazzjoni ma tridx teċċedi l-ammont ta' €4658.75 (Lm2,000) skond il-proċeduri finanzjarji.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Perit li l-aħħar *patching* li kien sar ma sarx tajjeb.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill kellu *work plans* tal-*patching* li kellu jibda fl-14 ta' Diċembru 2007 u jintemm sa Jannar 2008. Il-Kunsill kien għażel lill-kuntrattur preżenti għax kien tajjeb u l-prezzijiet tiegħu kienu l-aktar vantaġġjużi iżda mill-esperjenza li kellna miegħu jidher li ma kienx qed jagħti każ xogħlijiet żgħar ta' *patching* bħal ma jkollu l-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li minkejja li hemm xogħlijiet urġenti ta' bankini xi jsiru, x-xogħol huwa wieqaf. Għalhekk kien qed jissuġġerixxi, li jinħarġu kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet urġenti bħal ma kien sar fir-rispett tal-*patching*.

Il-Perit qal, li kien ġie rrakkomandat il-kuntrattur preżenti minħabba dak li ntqal aktar 'l fuq pero,' kien qed jaqbel ma' dak li ssuġġerixxa ċ-*Chairman.*

Għaldaqstant ġie deċiż, li l-Perit flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela għandhom jagħmlu *site inspections* biex jiġu ddentifikati xogħlijiet ta' bankini urġenti, sabiex il-Perit ikun jista' jħejji l-kwotazzjonijiet neċessarji.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kopja tas-Sejħa Għall-Offerti tal-*patching* minħabba d-*default notices* iżda l-Kunsill ddeċieda unanimament li dan id-dokument jintbagħat għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill, Dott. Ed. Woods sabiex jagħti l-parir tiegħu.

Il-Perit telaq fis-2.30 p.m.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-28 ta' Frar 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li intbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien wasal il-*Full Development Permission PA 07551/07* għall-bust ta' Willie Apap.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-Hotel Milano Due biex tinstab soluzzjoni li tkun vjabbli għall-partijiet konċernati dwar il-bowser ta' l-ilma li jintuża għas-sistema tal-*flushings* għall-istess lukanda.

**3.5.** Rigward *e-mail* mibgħuta minn *Elmo Insurance* dwar *sign pole* li waqa' fuq vettura ta' klijent, sar qbil unanimu li l-Kunsill mhux responsabbli għad-dannu li sar minħabba nuqqas ta' nformazzjoni.

**3.6.** Rigward it-talba minn Gasan Properties Ltd għall-*Keep Clear* għall-żewġ postijiet quddiem ix-*showroom* fi Triq Reid Nru. 109, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi kkunsidrat post wieħed jiġifieri dak ta' quddiem ix-*showroom*, kemm –il darba l-kumpanija tissottometti bil-miktub bil-permessi kollha neċessarji li x-*showroom* ser tintuża għall-vetturi.

**3.7.** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jiddiskuti t-talba għall-għajnuna ta' ġbir ta' fondi għall-karita' waqt maratona bir-roti, fil-laqgħa li jmiss wara li jkun rreveda l-*budget*.

**3.8.** Rigward Squisitezze, il-Kunsillier Joe Camilleri kien għamel kuntatt mal-Kunsill Lokali Pembroke u ntbagħtu *ByeLaws* bħala referenza fejn l-ammont kien ta' €116.47 (Lm50) fis-sena filwaqt li l-*ByeLaws* ta' dan il-Kunsill kieni jirrikjedu €1.16 (50ċ) kuljum.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li meta l-propjetarju ta' *Marcon Fashion Maze* li qiegħed fl-istess triq kien għamel talba simili, l-Kunsill kien approva li ssir il-*U-shape barrier* iżda qatt ma ntalab li jħallas skond il-*ByeLaws*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tintbagħat ittra lill-propjetarju ta' Sqisitezze bl-ispejjeż involuti u tintbagħat ittra wkoll, lill-propjetarju ta' *Marcon Fashion Maze* biex jibda jħallas l-ammont ta' €116.47 (Lm50) annwali għar-reklam li għandu fil-*U-shape barrier*.

**3.9.** Il-Kunsill ma qabilx mat-talba li saret mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' li ssir *Reserved Parking* għall-persuni bi bżonnijiet speċjali quddiem il-Knisja minħabba l-problema eżistenti ta' *parking* f'din it-triq.

**3.10.** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Daniel Vella, *School Manager for Chamber College* ta' Triq Edgar Bernard dwar il-possibbilita' li jitpoġġa sinjal fi Triq Sliema biex jindika d-direzzjoni lejn l-iskola.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill talab aktar dettalji minħabba l-fatt, li m'hemmx aċċess għat-traffiku minn Triq Sliema għal Triq Edgar Bernard.

**3.11.** Rigward kont mibgħut mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma għall-ammont ta' €560.65 (Lm240.69) għall-perjodu 28 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007, dwar 123 Triq Cameron, il-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lill-Korporazzjoni hawn fuq msemmija li l-Kunsill fit-3 ta' Lulju 2007, kien ċeda kull dritt u obbligazzjoni lid-ditta C. Stivala & Sons Ltd u għalhekk, l-ammont mhux dovut mill-Kunsill.

**3.12.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri man-nefqa ta' €412.30 (Lm177) VAT inkluża kull ħarġa għad-*design* ta' l-Impenn li għandu jsir mis-Sur Jamin Galea. Din id-deċiżjoni għandha tiġi riveduta kull sena.

**3.13.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 475 sa Nru. 511 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, r-*Request Sheets* minn Nru. 475 sa Nru. 511 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, ninfurmaw lis-Sur Steve Farrugia l-kuntrattur tal-knis tat-toroq, qtugħ ta' ħaxix u l-*mechanical sweeper* biex din ta' l-aħħar (*mechanical sweeper*) ma tintużax sakemm il-Kunsill ma jerġax jinforma lill-kuntrattur.

## 6. Approvazzjoni ta' *Computer Courses* għar-residenti Gżirjani

**6.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sur Robert Mifsud rappreżentant tal-*Malta Institute for Computer Sciences* li kienu qed joffru diversi korsijiet bid-*discounts* u jekk il-Kunsill ikompli jittratta jista' jieħu sa 5% *discount* ieħor. Dawn il-korsijiet ser isiru fil-*premises* tad-ditta hawn fuq msemmija jiġifieri f'San Gwann u l-

propjetarju jixxupplixxi wkoll it-transport. Huwa kompla jgħid, li hu (Viċi-Sindku) kien qed jaħseb fuq skema ta' erba' xhur biex nakkwistaw prezz speċjali u b'hekk ir-residenti jkollhom *discount*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkompli bl-istess proċedura addottata dwar il-korsijiet u għalhekk għandu jintagħżel il-*course* ta' *Equal Skills* għax il-prezz kien baxx u l-Kunsill jivvota l-ammont ta' €1164.69 (Lm500) fuq il-kors hawn fuq msemmi u jisponsorja ħamsin persuna.

Il-Viċi-Sindku suġġerixxa li l-Kunsill jieħu l-iskema ta' erba' xhur u jitlob aktar *discounts*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri, mas-suġġeriment tal-Viċi-Sindku.

## 5. Approvazzjoni ta' *Performance Bonus*

**5.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*Performance Bonus* kemm tagħha kif ukoll, ta' l-impjegati Marion Monaco u Fabian Borg.

Wara diskussjoni qasira, l-*Performance Bonus* (6%) ta' l-impjegati hawn fuq msemmija li ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv, ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri filwaqt li dak tas-Segretarju Eżekuttiv (10%) ċ-*Chairman* qal, li xtaq ikellem lil kull Kunsillier individwalment u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li hu kien lest li jagħti l-opinjoni tiegħu dak il-ħin stess waqt il-laqgħa sabiex ma jkunx hemm għalfejn din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Anke l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu setgħa jagħti l-opinjoni tiegħu dak il-ħin stess waqt il-laqgħa.

Iċ-*Chairman* qal, li din kienet l-ewwel darba li kien qed jitratta din il-materja u ma tantx kien intiż dwarha kif ukoll, li bil-proposta tiegħu ma riedx jiftiehem li dan il-*Performance Bonus* ma kienx ser jingħata iżda, kienet xi ħaġa li anke jekk ma kienx hemm il-*bonus*, xtaq jiddiskuti ma' kull Kunsillier sabiex tittjieb is-sistema.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li s-Sur Stivala kien kull darba qed jagħlaq Triq Reid ma' Triq Cameron u kemm –il darba kienu ntbagħtu l-Gwardjani Lokali iżda kien kollu għalxejn.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li jkellem lis-Sur Michael Stivala.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-3.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K073/119/08**

**February 2008 KLG5/15**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 475 | Conmal Ltd Invoice 1183 bozoz Kubrit u Giancint Tua | 47.52 | 5293 |
| 476 | Conmal Ltd invoice 1187 bozza Triq Luqa Briffa | 25.63 | 5294 |
| 477 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 8511 Job No: 6991 Traffic Signs | 152.57 | 5295 |
| 478 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 8630 Job No: 7546 Road Markings | 320.70 | 5296 |
| 479 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 8631 Job No: 7545 Road Markings | 205.86 | 5297 |
| 480 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 8666 Job No: 6908 Traffic Signs | 11.07 | 5298 |
| 481 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 8727 Job No: 7035 Traffic Signs | 17.70 | 5299 |
| 482 | GO plc Inv.20144782 Tel: 21334254/21341034 Calls January Rent February 2008 | 67.78 | 5287 |
| 483 | GO plc inv: 20144795 Tel: 21341616 Calls | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **January Rent February 2008** | **24.80** | **5286** |
| **484** | **GO plc inv.20145772 Tel No: 21322157 calls January Rent February 2008** | **290.15** | **5285** |
| **485** | **Inserv invoice No: 071738 Less Credit Note 007731 Stationery** | **197.43** | **5300** |
| **486** | **Sign Services Invoice 67 PVC Sign/Public Library** | **175.91** | **5240** |
| **487** | **Signs Services Invoice 107 PVC Sign for Public Library** | **123.90** | **5301** |
| **488** | **Benjamin Mangion Ltd Invoice 5671 Signs Skart – dogs – Public Convenience** | **494.76** | **5302** |
| **489** | **Squire Bookshop Invoice 6352 Newspapers January 2008** | **31.04** | **5303** |
| **490** | **Squire Bookshop invoice 6331 Stationery January 2008** | **85.05** | **5304** |
| **491** | **Melita plc. Inv.24804011 dated 07.02.08 Hello service** | **161.51** | **5305** |
| **492** | **Alfa Co. Ltd invoice 44667 Toner p/copier** | **140.18** | **5306** |
| **493** | **Conmal Ltd Invoice 1189 Xiri u Ġarr ta' ramel u siment** | **49.01** | **5307** |
| **494** | **Sundew Ent. Ltd Invoice 010 Water & Electricity from 01.07.07 – 31.12.07** | **876.97** | **5308** |
| **495** | **Sundew Ent. Ltd invoice LC007 – 20% share of common parts inc. lift 01.01.07 – 31.12.07** | **233.64** | **5309** |
| **496** | **Toolbox inv Nos: 7062-7084-7098-7103** | **23.91** | **5311** |
| **497** | **Stardelta Hardware Store inv. 2738074 273077** | **15.84** | **5312** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **498** | **Env. Landscapes Cons. Invoice 3721 Service Soft Areas for the month of January 2008** | **2212.93** | **5313** |
| **499** | **Steve Farrugia Invoice SS01/08 Street Sweeping Grass Cutting Mechanical Sweeper January 08** | **4725.56** | **5314** |
| **500** | **Steve Farrugia Invoice S01/08 extra Services Sundays January 2008** | **378.52** | **5315** |
| **501** | **Apco Ltd invoice 11971 Photo Euro Verifier** | **206.15** | **5316** |
| **502** | **Benjamin Mangion Ltd Invoice 5683 amendments on signs** | **9.62** | **5317** |
| **503** | **Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397623 Door to Door Service February 2008** | **5590.50** | **5318** |
| **504** | **Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397624 Hire of Skips February 2008** | **432.87** | **5319** |
| **505** | **Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397625 Bulky Service January 2008** | **695.20** | **5320** |
| **506** | **Mr. Emanuel Mifsud Invoice 2397626 Public Convenience Serv. January 2008** | **836.06** | **5321** |
| **507** | **Mr. Joe Borg invoice No: 86 Spejjeż Ducks Village** | **46.59** | **5322** |
| **508** | **X-Zone – Consumables for Public Library** | **22.84** | **5289** |
| **509** | **Conmal Ltd. Invoice 1193 maint Bozoz N.Ellul/Bouv/Kubrit/St. Albert/Victory Giacint Tua** | **273.81** | **5323** |
| **510** | **Conmal Ltd invoice 1194 maint. Bozoz Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa** | **399.61** | **5324** |
| **511** | **GO plc MC 04275 Manhole Frame & Cover** | **478.85** | **5290** |